C/2024/1606

15.2.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11441 – CVC / EMMA / PACKETA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1606)

1. Fis-7 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CVC Capital Partners SICAV-FIS S.A. ("CVC", il-Lussemburgu);

— EMMA Alpha Holding Ltd.("EMMA", Ċipru), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollati mis-sid maġġoritarju tagħha Jiří Šmejc;

— Packeta s.r.o. ("Packeta", ir-Repubblika Ċeka).

CVC u EMMA se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Packeta kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— CVC: maniger ta' fondi ta' investiment b'interessi f'għadd ta' kumpaniji attivi f'diversi industriji globalment,

— EMMA: holding ta' investiment privat primarjament attiv fl-Ewropa, li għandu kumpaniji tal-portafoll f'diversi setturi inkluż is-servizzi finanzjarji, il-gaming, l-enerġija u l-e-kummerċ,

— Packeta (ir-Repubblika Ċeka): fornitur ta' servizzi ta' konsenja għall-aħħar mil lin-negozjanti tal-e-kummerċ, billi joffri punti ta' minn fejn jinġabru jew jitħallew il-pakketti fi ħwienet żgħar lokali, konsenja d-dar, u billi jopera lockers awtonomi għall-pakketti li jippermettu l-konsenja u l-ġbir tal-pakketti. Packeta huwa primarjament attiv fir-Repubblika Ċeka u fis-Slovakkja, u għandu preżenza żgħira fl-Ungerija u f'pajjiżi oħra tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi [2], jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.11441 – CVC / EMMA / PACKETA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika jew bil-posta normali. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË